MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2007

Appell Civili Numru. 1673/1998/1

**Allcare Insurance Agency Limited**

**v.**

**Mark Randon**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan hu appell minn digriet moghti mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-udjenza tas-27 ta’ Lulju 2006, li permezz tieghu dik il-Qorti cahdet talba tal-konvenut sabiex jipprezenta eccezzjonijiet ulterjuri.

2. L-*iter* tal-vertenza kien hekk:

**i.** Fit-13 ta' Awissu 1998 is-socjeta` attrici (illum appellata) pprezentat citazzjoni kontra Mark Randon fuq allegazzjoni li huwa kiser kundizzjoni tal-kuntratt ta' impieg li huwa kellu ma' l-istess socjeta□; is-socjeta□ attrici talbet dikjarazzjoni ta' tali ksur, kif ukoll il-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni.

**ii.** Id-dikjarazzjoni guramentata annessa mac-citazzjoni kienet mahlufa minn George Said (li kkwalifika lilu nnifsu fil-bidu tal-imsemmijja dikjarazzjoni bhala "Chief Executive"), li ukoll ipprezenta l-istess citazzjoni u dikjarazzjoni fir-registru (in fatti ma gie ingaggat ebda prokuratur legali ghal dana l-fini).

**iii.** Fin-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu il-konvenut (illum appellant) eccepixxa bazikament li d-domandi attrici kienu infondati fil-fatt u fid-dritt, kif ukoll u bla pregudizzju lmenta mill-ammont li kien qed jigi pretiz bhala danni, cioe□ Lm6,000 ghal kull ksur, fis-sens li l-konvenut qed ighid li, se mai, kien hemm ksur darba wahda biss. Huwa rriserva li jissolleva wkoll eccezzjonijiet ohra bis-solita frazi "Salvi eccezzjonijiet ohra".

**iv.** Wara aktar minn seba' snin ta' gbir ta' provi u wara li fl-udjenza tal-11 ta' April 2006, fil-kors tad-deposizzjoni ta' Eric Schembri u Aldo Cassar (prodotti mill-konvenut) dawn iddeponew fis-sens li f'Awissu 1998 meta nfethet il-kawza l-unici zewg diretturi tas-socjeta□ kienu huma t-tnejn u li ma kienux jiftakru jekk kien hemm risoluzzjoni tal-bord tad-diretturi biex tinfetah l-odjerna kawza, il-konvenut, b'rikors datat 9 ta' Mejju 2006, talab li jippresenta eccezzjoni ulterjuri fis-sens li *"…l-azzjoni attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-persuna li halef u pprezenta l-azzjoni attrici, u cioe□ George Said, ma kienitx awtorizzata mill-Istatut tas-socjeta□ attrici sabiex jipprezenta l-istess azzjoni de quo u lanqas ma kien awtorizzat mill-Bord tad-Diretturi tas-socjeta□ attrici sabiex is-socjeta□ tigi awtorizzata tipprezenta l-azzjoni msemmija u dan kuntrarjament ghall-Object 7 ta' l-istatut*

*tas-socjeta□ u l-Artikolu 4.0 tal-Articles of Association tas-socjeta□ -- kollox skond ma irrizulta mid-deposizzjoni moghtija mix-xhieda li tressqu fis-seduta tal-11 ta' April 2006."* Huwa kien ta avviz li kien bi hsiebu jaghmel l-imsemmi rikors gia` fl-udjenza tal-11 ta' April imsemmija (ara l-verbal a fol. 229). Minn dawn id-deposizzjonijiet irrizulta *inter alia* li George Said kien sar direttur biss fis-27 ta' Awissu 1998 (ara wkoll id-dokumenti a fol. 258 u 281 – ir-resoluzzjoni tax-*shareholders* u n-notifikazzjoni tad-tibdil skond l-Artikolu 146(1) tal-*Companies Act 1995*).

**v.** Permezz tar-risposta taghha tad-19 ta' Mejju 2006, is-socjeta□ attrici opponiet din it-talba. Bazikament l-imsemmija socjeta□ qalet li l-konvenut kellu kull opportunita□ li jipprezenta l-eccezzjoni ulterjuri, li issa ried jipprezenta f'dana l-istadju inoltrat, wara li kienu ingiebu il-provi taghha – hija kienet ghalqet il-provi taghha fil-21 ta' Novembru 2002 – <u>u qabel</u> ma l-konvenut gab il-provi tieghu, u invokat l-Artikolu 158(11)[1] tal-Kap. 12. Invokat ukoll l-Artikolu 728(2) tal-imsemmi Kap. 16 u argumentat li ma kienx hemm "ragunijiet validi" fis-sens ta' l-imsemmija disposizzjoni peress li min kienu d-diretturi tas-socjeta□ meta giet prezentata c-citazzjoni seta' facilment ikun maghruf billi wiehed jezamina l-*Memorandum and Articles of Association* li wiehed seta' jikseb mill-*Malta Financial Services Centre* (MFSC). Is-socjeta□ ghamlet referenza wkoll ghas-sentenzi **Diana Gatt et v. Vincent Said** P.A. 23/2/2001 u **Sunspot Tours v. C.H. Caterers Limited** Qorti tal-Appell 16/12/2003.

**vi.** B'digriet moghti fis-27 ta' Lulju 2006, l-ewwel Qorti cahdet it-talba ta' Mark Randon *"peress li l-eccezzjoni in kwistjoni messa giet sollevata fil-hin proprju u cioe□ fil-bidu ta' dawn il-proceduri"*.

## <u>L-appell</u>

**3.** Fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant, wara li jirriassumi d-deposizzjonijiet ta' l-imsemmija Schembri u Cassar u

[1] Kif din id-disposizzjoni kienet qabel l-emenda introdotta bl-Art. 19 tal-Att XXII tal-2005, u cioe□ meta din id-disposizzjoni kienet ghadha tirreferi ghan-"nota ta' eccezzjonijiet" u mhux, kif inhi llum, ghar-risposta guramentata.

jtenni li meta giet prezentata c-citazzjoni Said ma kienx ghadu lahaq direttur, kif ukoll li lanqas ma rrizulta li kien hemm xi risoluzzjoni jew decizjoni tal-Bord tad-Diretturi li kienet tawtorizza li jinbdew il-proceduri odjerni skond l-Artikolu 4.11 tal-*Articles of Association*, ikompli jillanja hekk:

“Illi huwa logiku illi l-esponenti ma setax ikun jaf bil-kontenut ta’ dak kollu li rrizulta mid-deposizzjoni ta’ Eric Schembri u ta’ Aldo Cassar qabel u cioe□ meta giet kontestata c-citazzjoni u dan stante li l-minuti tal-bord tad-diretturi, kieku kienu jezistu, ma kienux ghad-disposizzjoni tieghu. Il-minuti tal-bord tad-diretturi mhumiex ghad-disposizzjoni tal-pubbliku in generali u jinzammu, korrettement, fl-indirizz registrat tas-socjeta□ bhal kwalsiasi socjeta□ kummenrcjali ohra. Dawn ma jigux registrati mar-Registratur tas-Socjetajiet, kuntrarjament ghal dak li jirrigwarda, per ezempju, minn huma d-diretturi tas-socjeta□ u min huwa s-segretarju taghha.

“La darba dawn il-fatti ma kienux ghad-disposizzjoni tal-esponenti qabel, huwa ma setax jissolleva l-eccezzjoni li jrid jaghti ulterjorment qabel. Hekk kif u mal-mument li huwa sar jaf bihom, ghamel it-talba tieghu immedjatament u bla ebda dewmien ta’ xejn.

“Illi ghalhekk hija zbaljata bir-rispett kollu l-Ewwel Onorabbli Qorti illi cahdet it-talba tal-esponenti sabiex jipprezenta eccezzjoni ulterjuri bazat fuq il-fatt illi l-esponenti messu pprezenta l-istess eccezzjoni meta kkontesta t-talbiet attrici. Dak li ma setax ikun a konoxxenza tal-esponenti ma setax jigi eccepit. Hekk kif dan il-fatt gie a konjizzjoni tieghu, huwa immedjatament ghamel it-talba sabiex jikkontesta wkoll it-talbiet attrici fuq il-binarju li qieghed jitlob li jikkontesta.”

Subordinatament l-appellant jissottometti li l-eccezzjoni ulterjuri li jrid jaghti hija wahda perentorja u li din, skond l-Artikolu 732 tal-Kap. 12, tista’ tinghata f’kull stadju tal-procediment.

4. Ghal dan ir-rikors ta’ appell, is-socjeta Allcare Insurance Agency Limited wiegbet permezz ta’ risposta datata 16 ta’ April 2007, fejn giet enfasizzata in partikolari d-disposizzjoni ta' l-Artikolu 7 tal-*Memorandum of Assocition* li tipprovdi *inter alia* li *“The judicial representation of the company shall vest in any one of theDirectors…”*. L-appellata ghamlet referenza wkoll ghal diversi sentenzi. Id-difensuri tal-partijiet ittrattaw fl-udjenza tat-18 ta’ Gunju 2007, u l-appell thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Konsiderazzjonijiet ta’ din il-Qorti**

5. Din il-Qorti hi tal-fehma li r-risoluzzjoni tal-vertenza tinsab proprju f’dak li jiddisponu l-*Memorandum and Articles of Association* tas-socjeta appellata. Jibda biex jinghad li din il-Qorti ma taqbilx ma' l-appellant li l-eccezzjoni – jew ahjar eccezzjonijiet, ghax kif ser naraw proprjament hemm tnejn – li ried jaghti l-istess appellant quddiem l-ewwel Qorti kienet ta’ natura perentorja li ghaliha japplika l-Artikolu 732(1) tal-Kap. 12. Kieku kienet hekk, il-konvenut ma kienx ikollu ghalfejn jaghmel talba b’rikors, kif effettivament ghamel, lill-ewwel Qorti[2]. Din il-Qorti tifhem li l-eccezzjoni li jrid jissolleva l-konvenut quddiem l-ewwel Qorti hija perentorja biss tal-gudizzju u ghalhekk, bhala dilatorja fuq il-meritu, tista’ biss tinghata bhala regola *in limine litis*[3]. Ghalhekk wiehed irid jara jekk f’dan il-kaz kienx hemm raguni jew ragunijiet validi ghala din l-eccezzjoni ma nghatatx *in limine* (Artikolu 728(2) tal-Kap. 12) jew ghall-anqas wara li ngiebu l-provi tas-socjeta attrici u qabel ma l-istess konvenut beda bil-provi tieghu (Artikolu 158(11)).

6. Issa, ma jidhirx li hemm dubbju li, meta l-kawza giet proposta fit-13 ta’ Awissu 1998, il-*Memorandum* kien jipprovdi, fl-Artikolu 7 tieghu, li *“The judicial representation of the company shall vest in any one of the Directors…”* [4]. L-Artikolu 4.11, imbaghad, tal-*Articles* kien jipprovdi li *“No*

[2] Ara s-sentenza ta’ din il-Qorti, diversament komposta, tas-16 ta’ Dicembru 2003 fl-ismijiet **Suspot Tours Limited v. C.H. Caterers Limited**.
[3] Ara **David Camilleri nomine v. John Camilleri**, Qorti tal-Appell 30 ta’ Gunju 2000.
[4] Fol. 251.

*preceedings may be instituted by the Company without the Board of Director's authority."* [5] Wara r-risoluzzjoni tas-27 ta' Awissu 1998[6] – li permezz taghha, fost affarijiet ohra George Said gie mahtur direttur biex jissostitwixxi lil Aldo Cassar – l-Artikolu 11 tal-*Memorandum* kien jipprovdi hekk: *"The Chairman of the Board, or any other director will represent the Company in judicial proceedings, provided that no proceedings may be instituted by the Company without the Board's authority."* [7]

7. Ma hemmx dubbju wkoll li kwantu ghall-kwistjoni tar-rappresentanza gudizzjarja tas-soscjeta attrici u tal-posizzjoni li kien jokkupa George Said meta dan halef id-dikjarazzjoni guramentata u meta pprezenta c-citazzjoni, il-posizzjoni kienet, jew setghet facilment tkun, maghrufa mill-konvenut appellant peress li dawn kienu affarijiet li johorgu car minn dokumenti – il-*Memorandum and Articles of Association* – li kienu ghalih accessibbli. Jekk l-appellant naqas milli jaghmel il-verifiki tieghu qabel ma pprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet tieghu, *imputet sibi*. Certament, ghalhekk, ma jistax jinghad li wara d-deposizzjonijiet ta' l-udjenza tal-11 ta' April 2006, huwa "skopra" xi haga dwar ir-rappresentanza gudizzjarja tas-socjeta attrici u dwar il-kariga ta' George Said li ma setax ikun jaf biha gja f'Awissu 1998 jew qabel ma pprezenta n-nota ta' l-eccezzjonijiet fit-12 ta' Novembru 1998.

8. L-istess, ragunament japplika ghal dik li hija l-awtorizzazzjoni ("authority") biex is-socjeta <u>tistitwixxi</u> proceduri gudizzjarji. Ghalkemm huwa veru li l-minuti tal-laqghat tal-Bord tad-Diretturi, li fihom jittiehdu decizjonijiet bhal dik biex is-socjeta tipprocedi gudizzjarjament, ma humiex dokumenti pubblici bhalma huma il-*Memorandum and Articles of Association*, xorta wahda l-imsemmi rekwizit biex is-socjeta` appellata tistitwixxi proceduri gudizzjarji kien ukoll accessibbli ghall-appellant tramite l-imsemmi *Memorandum and Articles of Association*.

---

[5] Fol. 256.
[6] Proprjament jidher li kien hemm risoluzzjoni ohra – tas-17 ta' Awissu 1998, ara fol. 281 – li pero kienet effettiva biss mis-27 ta' Awissu 1998.
[7] Fol. 264.

Ghalhekk, huwa seta' facilment jintavola eccezzjoni *in limine litis*, li biha jesigi li s-socjeta` attrici, issa appellata, taghmel id-debita prova li l-Bord kien awtorizza li jigu istitwiti l-proceduri gudizzjarji in kwistjoni. Eccezzjoni simili tinghata ta' sikwit fit-tribunali taghna fil-konfront ta' attur li jagixxi gudizzjarment b'mandat. Fil-kaz odjern ma kien hemm xejn li jzomm lill-appellant li jissolleva ir-relattiva eccezzjoni, fil-bidu tal-kawza - haga li x'aktarx kien jaghmel li kieku huwa kkonsulta l-imsemmi statut tas-socjeta` appellata li kien pjenament disponibbli ghalih.

**Decide**

9. Ghal motivi premessi tichad l-appell u tordna li l-atti jigu minnufih rimessi lill-ewwel Qorti sabiex il-kawza tkompli tiehu l-kors taghha skond il-ligi. L-ispejjez ta' dan l-appell jithallsu mill-appellant.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------